Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,870, 31 ta' Lulju, 1981

Taqsima B

A.L. 85 ta' l-1981

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA (KAP. 51)

Regolamenti ta' l-1981 dwar il-Kontroll ta' Reklami ta' Mediċinali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 35A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu Magħha, il-Ministru tas-Saħħa u ta' l-Ambjent, fuq il-parir tal-Kunsill tas-Saħħa, għamel ir-regolamenti li ġejjin:--

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1981 dwar il-Kontroll ta' Reklami ta' Mediċinali.

Kontroll ta' reklamar.

2. (1) Ebda persuna ma' tista' tagħmel reklam jew tħalli jew tippermetti li jsiru reklami ta' xi preparati mediċinali jew ta' xi rimedju li jingħad li għandu effett terapewtiku jew effett ieħor fuq il-korp uman jekk ma tkunx awtorizzata b'mod speċifiku biex hekk tagħmel mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika fuq il-parir tal-Kunsill tas-Saħħa.

(2) Fl-għoti ta' l-awtorità msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, l-imsemmi Suprintendent jista' jimponi kull kondizzjoni li jidhirlu xierqa, u b'mod partikolari jista' jirrestringi, jimmodifika jew xort'oħra jikkontrolla l-presentazzjoni u l-kliem tar-reklam.

(3) Kull persuna li tirreklama jew tħalli li jsiru reklami ta' xi preparat mediċinali jew xi rimedju, għandha tiżgura li n-numru tal-permess tad-Dipartiment tas-Saħħa ikun jidher fuq kull reklam.